

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2011 — Ahoua-N'Guetta et vs Il-Kunsill****(Kawża T-193/11)**

(2011/C 152/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Timothée Ahoua-N'Guetta (Abidjan, il-Côte d'Ivoire), Jacques André Monoko Daligou (Abidjan), Bruno Walé Ekpo (Abidjan), Félix Tano Kouakou (Abidjan), Hortense Sess (Abidjan); u Joséphine Suzanne Ebah (Abidjan) (rappreżentant: J.-C. Tchikaya, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrenti huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-118/11, Attey vs Il-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2011 — Bro Grébé vs Il-Kunsill****(Kawża T-194/11)**

(2011/C 152/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Geneviève Bro Grébé (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: J. C. Tchikaya, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob sabiex il-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011 tal-14 ta' Jannar 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire, sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-motivi u l-argumenti prinċipali invokati mir-rikorrenti huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-118/11, Attey vs Il-Kunsill.

**Appell ippreżentat fit-12 ta' April 2011 mill-Kulleġġ tar-rappreżentanti tal-persunal tal-BEI et mid-digriet mogħti fis-17 ta' Marzu 2011 mill-President tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-95/10, Bömcke vs BEI****(Kawża T-213/11 P(I))**

(2011/C 152/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Kulleġġ tar-rappreżentanti tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investment (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu), Marie-Christel Heger (il-Lussemburgu), Jean-Pierre Bodson (il-Lussemburgu), Evangelos Kourgias (Senningerberg, il-Lussemburgu), Manuel Sutil (Nondkeil, Franza) u Patrick Vanhoudt (Gonderange, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: G. J. Wilson, A. Senes u B. Entringer, avukati)

*Appellati:* Eberhard Bömcke (Athus, il-Belġju) u l-Bank Ewropew tal-Investment

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— temenda d-digriet tas-17 ta' Marzu 2011 tal-President tat-Tieni Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;

— tiddikjara bħala ammissibbli u fondata t-talba għal intervent imressqa fit-12 ta' Jannar 2011 lill-President u lill-membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u tiddikjara lill-appellanti bħala parti fil-kawża pendenti bejn Eberhard BÖMCKE u l-Bank Ewropew tal-Investment, fid-dawl tal-interess dirett li l-parti li qiegħda tressaq it-talba għandha li tkun parti fiha, b'mod konformi mal-Artikoli 109 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea.